**28 ta' April, 1961**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**
**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**
**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Filippo Debono

*versus*

Salvatore Vella et.

**Separazzjoni Personali — Komunjoni tal-Akkwisti — Amministrazzjoni — Sospensjoni tal-Kawżi — Art. 1362, 1375 u 1303 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-fatt li bejn il-miżżewġin ikun hemm pendenti kawża ta' seperazzjoni personali, anki b'talba għax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, ma jissospendix l-effetti ġuridiċi tal-komunjoni tal-akkwisti, sakemm ma jkunx hemm sentenza definittiva li tordna x-xoljiment ta' dik il-komunjoni.*

*Konsegwentement, ir-raġel, bħala kap tal-komunjoni tal-akkwisti, jibqa' ntitolat jamministra l-ġid tal-komunjoni, u quddiem it-terzi jista' jagħmel minnu daqs li kieku kien tiegħu; tant li l-liġi tirrendi null kull ftehim, dirett jew indirett, li jkun kuntrarju għal dan id-dritt. U bis-saħħa ta' dan id-dritt ir-raġel għandu wkoll l-amministrazzjoni tal-beni parafernali ta' martu, kif ukoll tal-beni dotali tagħha.*

*Per konsegwenza, il-mara li fl-assenza ta' żewġha, u mingħajr il-kunsens tiegħu, iddaħħal xi nies, joqgħodu f'xi fond li hekk jaqa' taħt l-amministrazzjoni ta' żewġha, tagħmel att li mhux validu; u r-raġel għandu d-dritt jitlob li dawk innies jiġu żgumbrati minn dak il-fond, anki jekk tkun għadha pendenti l-kawża tas-separazzjoni personali bejnu u bejn martu, u sakemm ma jkunx hemm xi sentenza li bħala effett tagħha huwa jitlef dan id-dritt.*

*Il-liġi tikkontempla u tagħti lill-mara d-dritt li tħalli d-dar konjugali fil-pendenza tal-kawża tas-separazzjoni; iżda ma*

*tagħtiha ebda dritt li teskludi lir-raġel minn daru jew mid-dar li fuqha huwa għandu dritt bħala kap tal-komunjoni.*

*il-mara, u anki dawk in-nies li hija tkun daħħlet fid-dar bil-mod fuq imsemmi, ma għandhomx dritt jippretendu illi l-kawża li r-raġel jagħmel biex jiżgombrahom tiġi sospiża sakemm tinqata' l-kawża tas-separazzjoni personali. Diversament, id-dritt u l-azzjoni eżerċitata mir-raġel jiġu frustrati. b'aggravju għalieh, billi jiġi mċaħħad minn dritt li l-liġi tagħtieh bħala kap tal-komunjoni, sakemm din tibqa' sseħħ, fuq il-ġid sew tal-komunjoni kemm dotali u parafernali. Is-sospensjoni tiġi tammonta għal denegata ġustizzja.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni ta' Filippo Debono bħala kap tal-komunjoni tal-akkwist li saru bejnu u martu Maria Debono, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ta' Għawdex fil-Kompetenza Superjuri bħala Qorti Ċivili, kontra Salvatore u Carmela miżżewġin Vella, u jekk jidhrilha li għandha xi interess lill-istess Maria Debono, sabiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni opportuna, u wara li jiġu mogħtija l-provvedimenti meħtieġa, peress illi b'ittra uffiċjali tat-12 ta' Mejju 1960 (dok. A) l-attur interpella lill-konvenuti Salvatore u Carmela Vella biex joħorġu mid-dar numru 5 St. Peter and St. Paul Square, Nadur, li huma qegħdin jokkupaw bla titolu u bla kunsens tal-attur u din id-dar l-attur irid joqgħod fiha, għaliex ma għandux dar tiegħu iżda qiegħed man-nies; u peress illi l-konvenuti Vella, bl-ittra uffiċjali tas-16 ta' Mejju 1960, irrifjutaw li joħorġu (dok. B); talab li l-konvenuti Vella, prevja d-dikjarazzjoni li huma mhumiex qegħdin jokkupaw id-dar bil-kunsens tiegħu u qatt ma tawħ kera, u bla titolu, fi żmien qasir u perentorju jiġu kundannati jiżgumbraw mill-istess fond u jikkonsenjaw iċ-ċwievet lill-attur; bl-ispejjeż tal-ġudizzju, kompriżi l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta Carmela mart Salvatore Vella, minnu assistita, u ta' Maria mart l-attur Filippo Debono, li biha ssottomettew illi b'ċitazzjoni numru 22/60, fl-ismijiet "Maria Debono vs. Filippo Debono", pendenti quddiem il-Qorti ta' Għawdex, l-eċċipjenti Maria Debono talbet is-separazzjoni personali tagħha mill-attur. b'talba wkoll għad-dekadenza tiegħu mid-drittijiet

kontemplati fl-art. 56 tal-Kodiċi Ċivili, u għalhekk, anki filkaż illi l-fond "de quo" huwa ko-akkwist konjugali, l-azzjoni eżerċitata hija ntempestiva; u illi, subordinatament għal dan kollu, il-fond in kwistjoni huwa parafernali tal-eċċipjenti Maria Debono; salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Għawdex tas-26 ta' Ottubru 1960, li bih, fuq talba tal-konvenuti, wara li rat l-art. 797 tal-Liġijiet tal-Proċedura Ċivili (Kap. 15), ammettiet lill-istess konvenuti sabiex jippreżentaw qabel is-sentenza nota tal-eċċezzjoni tal-konnessjoni u nota tal-osservazzjonijiet relattivi għall-istess eċċezzjoni;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti, li biha ssottomettew illi bejn din il-kawża u bejn il-kawża l-oħra pendenti quddiem dik il-Qorti fl-ismijiet "Maria Debono vs. Filippo Debono" (ċitazzjoni numru 22/60) hemm konnessjoni b'mod tali illi l-eżitu ta' din l-aħħar kawża jista' jipperimi għal kollox il-meritu tal-kawża preżenti, jew almenu jimpedixxi l-effetti tal-istess kawża, u għalhekk l-eċċipjenti jitolbu illi l-Qorti tissoprassjedi f'din il-kawża sad-deċiżjoni tal-kawża l-oħra;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Għawdex fil-Kompetenza Superjuri bħala Qorti Ċivili tal-10 ta' Novembru 1960 li biha dik il-Qorti, l-ewwelnett ċaħdet l-eċċezzjoni tal-konnessjoni tal-kawża ma' dik tas-separazzjoni personali fl-ismijiet "Maria Debono vs. Filippo Debono" (ċitazzjoni nru. 22 tal-1960); ċaħdet l-eċċezzjoni l-oħra tal-konvenuti; iddikjarat li l-konvenuti Carmela u Salvatore miżżewġin Vella mhumiex qegħdin jokkupaw id-dar numru 5, il-lum 6, St. Peter & St. Paul Square, in-Nadur, bil-kunsens tal-attur, u qatt ma tawh kera, u għalhekk bla titolu; laqgħet it-talba tal-attur; u kkundannat lill-konvenuti Salvatore u Carmela miżżewġin Vella jiżgumbraw mill-fond numru 5, il-lum 6, St. Peter & St. Paul Square, Nadur, u jikkonsenjaw iċ-ċwievet tiegħu lill-attur fi żmien ħmistax il-ġurnata minn dak inhar; u ordnat li l-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali, jitħallsu kwart mill-konvenuta Maria Debono u tliet kwarti mill-konvenuti

Salvatore u Carmela miżżewġin Vella; billi dik il-Qorti kkunsidrat;

Jirriżulta mill-atti tal-kawża "Maria Debono mart Filippo Debono vs. Filippo Debono" (ċitazzjoni numru 20/1960) li l-konvenuta tal-kawża preżenti Maria Debono ppreżentat ċitazzjoni fil-21 ta' Marzu 1960, li biha talbet is-separazzjoni personali bejnha u bejn l-attur Filippo Debono, li f'dik il-kawża huwa l-konvenut, u fl-istess ċitazzjoni mputat lil Filippo Debono ħtija ta' sevizji, inġurji gravi u abbandun, u talbet, fost affarijiet oħra, li l-istess Filippo Debono jiġi dikjarat dekadut mid-drittijiet kontemplati fl-art. 56 tal-Kodiċi Ċivili, in kwantu applikabbli għall-każ, u li tiġi maħlula l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejnha u bejn żewġha skond il-liġi;

F'dik il-kawża l-attur tal-lum eċċepixxa, fil-meritu, li kienet martu li rrifjutat issegwieħ fl-Awstralja fejn huwa kien emigra, li ċjò non ostante huwa kien dejjem bagħtilha l-alimenti ħlief meta kien marid, u li kien interpellaha biex tikkoabita miegħu taħt piena li jwaqqfilha l-alimenti, u din irrifjutat li tobdi din l-interpellazzjoni;

Fit-18 ta' Mejju 1960 l-attur ġieb il-quddiem il-kawża preżenti, waqt li kienet għadha pendenti l-kawża ta-separazzjoni personali; u dan peress li huwa ried imur joqgħod fid-dar konjugali fin-numru 5, il-lum 6, St. Peter & St. Paul Square, in-Nadur li fiż-żmien taċ-ċitazzjoni kienet okkupata mingħajr ebda ħlas mit-tifla tiegħu Carmela mart Salvatore Vella u mill-istess żewġha;

Għall-ewwel il-konvenuti bbażaw id-difiża tagħhom fuq l-intempestività tal-azzjoni, peress li l-konvenuta Maria Debono allegat li l-fond in kwistjoni kien ta' proprjetà tagħha esklużiva, u għalhekk il-kunsens tagħha biex il-fond jiġi okkupat minn bintha u żewġha ma setgħax jiġi nvalidat qabel ma jkun hemm deċiżjoni fuq it-talba għad-dekadenza tal-attur mid-drittijiet kollha kontemplati fl-art. 56 tal-Kodiċi Ċivili: kontestazzjoni din li kellha tibqa' sseħħ, kif jippretendu l-konvenuti, anki kieku l-fond kellu jiġu

kunsidrat bħala appartenenti lil-komunjoni tal-akkwisti bejn Maria u Filippo konjuġi Debono;

Għal dawn l-eċċezzjonijiet ġiet aġġunta dik li d-dritt tal-attur ma kienx eżerċitabbli, billi kien jinsab kontestat f'kawża oħra; u dan permezz ta' verbal tat-13 ta' Ottubru 1960;

Iżjed tard, u preċiżament meta l-kawża ġiet differita għas-sentenza, il-konvenuti ssollevaw l-eċċezzjoni tal-konnessjoni tal-kawża, u talbu li l-Qorti tissoprassjedi f'dik il-kawża sad-deċiżjoni tal-kawża tas-separazzjoni msemmija;

Qabel xejn, huwa utili li tiġi riżoluta l-kwistjoni ta' fatt sollevata waqt is-smiegħ tal-provi, u ċjoè dik li l-konvenuta Maria Debono, li rriżulta li għandha dar oħra fin-numru 80 Parish Priest Street, in-Nadur, fejn toqgħod ma' binha Ġużeppi, riedet, bix-xhieda ta' bintha Carmela, tinferixxi li hija ma għandhiex residenza fissa, u daqqa torqod ma' binha fid-dar ta' Parish Priest Street, u daqqa torqod ma' bintha fid-dar St. Peter & St. Paul Square; u dan evidentement sabiex iġġib il-quddiem il-kwistjoni jekk il-konjuġi, li ma huwiex iżjed obligat għall-koabitazzjoni fil-pendenza tal-ġudizzju għas-separazzjoni, jistgħax jiġi żgumbrat mid-dar konjugali mill-konjuġi l-ieħor;

Iżda l-provi wrew mhux biss li Maria Debono toqgħod ma' binha fil-fond ta' Parish Priest Street, fejn għandhom reġistrat anki r-razzjon tal-ikel, imma, kif qablu l-istess konvenuti meta riedu jevitaw l-aċċess ordnat mill-Qorti, il-fond ta' Parish Priest Street huwa kbir biżżejjed biex jistgħu joqgħodu fih, għalkemm "a mala pena", kemm Maria Debono u binha u kemm il-konjuġi Vella;

Għalhekk il-kwistjoni tirrisolvi ruħha fis-sempliċi kweżit jekk għandhomx l-mara u wlied l-attur jibqgħu jokkupaw komodament żewġ djar fil-waqt li l-attur jibqa' jħallas £30 fix-xahar bejn kera u spejjeż biex jokkupa kamra ma' ħuh f'dar li hija żgħira anki għal ħuh biss, jew inkella għandiex it-tifla l-miżżewġa tal-attur tmur tgħix ma' ommha biex l-attur jokkupa l-fond tal-pjazza;

Huwa veru li l-attur insospettixa lill-konvenuti meta talab lir-Revendu Kappillan Dun Michele Portelli biex iniedi l-post imsemmi fiċ-ċitazzjoni għall-bejgħ qabel ma għamel iċ-ċitazzjoni preżenti; imma kontra dan il-fatt, li l-attur spjegah billi qal li dik kienet il-fehma tiegħu tal-bidu, forsi anki biex jagħmel pressjoni fuq martu li xtaq li tmur miegħu l-Awstralja, hemm l-ieħor li l-attur xehed fuq il-kondizzjonijiet li qiegħed jgħix fihom li huma ħżiena u spendjużi ferm, u l-konsiderazzjoni l-oħra li legalment il-preża tal-pussess tal-fond ma żżidlux fakoltajiet għall-bejgħ li huwa fl-istat preżenti ma għandux diġà. Dan apparti mezzi oħra fil-liġi li l-konvenuta Maria Debono jista' jkollha biex tittutela l-interessi tagħha kontra kull trasferiment ta' dawk li tippretendi huma ħwejjiġha fil-pendenza tal-ġudizzju tas-separazzjoni;

Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-konvenuti qegħdin jeċċepixxu l-konnessjoni ta' din il-kawża mal-oħra tas-separazzjoni, li fost proċeduri oħra hemm it-talba fiha għas-smiegħ ta' xhieda per mezz ta' ittri rogatorjali, u li għalhekk għandha tirrikjedi żmien pjuttost twil għad-definizzjoni tagħha;

Skond l-art. 796(1) tal-Proċedura Ċivili, meta bejn żewġ kawżi jew iżjed imressqin quddiem Qorti waħda jkun hemm konnessjoni ta' suġġett, jew meta d-deċiżjoni ta' waħda tista' taffetta d-deċiżjoni tal-oħra jew tal-oħrajn, il-Qorti tista' tordna li d-diversi kawżi jiġu mismugħin flimkien;

Huwa ċar illi għall-konnessjoni ma huwiex rikjest f'mod assolut il-konkors tal-istess rekwiżiti tar-"res judicata" bejn iż-żewġ kawżi bħal ma huwa rikjest fl-eċċezzjoni tal-"litis pendentia". "L'eccezione di 'litis pendentia' suppone che la causa già esisteva dinanzi ad altri giudici, fra le medesime parti, per la medesima cosa, e su una domanda fondata sulla medesima causa. L'eccezione declinatoria per connessità non esige questa perfetta identità nelle cause sottomesse a due tribunali diversi: si fonda sul loro collegarsi mercè affinità tale che il giudizio dell'una deve di forza influire su quello dell'altra, e sul convenire e bastare ad entrambe la medesima istruzione. Non sono più le rigorose condizioni senza cui l'eccezione di 'litis pendentia' non può

prodursi; ma è qualcosa più mobile e men positiva, è una estimazione di rapporti simpatici e di convergenze, che la legge abbandona alla saggezza dei giudici; ma è sempre il medesimo fine di rendere la giustizia men ardua, men costosa, e di farla una come la verità di cui deve essere l'immagine" (Kollez. XXIX-II-515);

Huwa taħt dan l-aspett li l-konvenuti jridu jargumentaw illi, ladarba hemm il-possibbiltà li bis-sentenza fil-kawża tas-separazzjoni l-attur tal-lum jista' ma jibqgħax kap tal-komunjoni tal-akkwisti, u għalhekk huwa ma jkunx jista' jeżerċita iżjed l-azzjoni preżenti, jew almenu jkun hemm alterazzjoni fil-qagħda tiegħu, il-Qorti għandha tipprovdi billi tissoprassjedi;

Huwa evidenti li l-konvenuti qegħdin jalteraw l-iskop primarju tal-konnessjoni tal-kawżi, biex jinqdew biha u jottjenu s-sospensjoni tad-dritt li għandu l-attur, u li jibqa' jikkompeti lilu sas-sentenza fil-kawża tas-separazzjoni, jekk din tkun favorevoli għall-attriċi, li jamministra mhux biss il-beni tal-komunjoni tal-akkwisti, imma anki dawk dotali u extra-dotali tal-mara, skond l-art. 1375 tal-Kodiċi Ċivili. Fil-kawża "Azzopardi vs. Azzopardi", Appell 23 ta' Ġunju 1952, il-Qorti hekk esprimiet ruħha fuq dan il-pont:— "Għal dawk li huma ko-akkwisti l-attur, ġa ladarba ma hemm ebda deċiżjoni dwar xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, jew dwar id-dekadenza tiegħu mill-jeddijiet relattivi għall-akkwisti, baqa' 'domimus'. u għal dawk li huma extra-dolati (għax bla skritta nuzjali) it-treġija tagħhom, ġa ladarba hemm il-komunjoni, tmiss lir-raġel";

Huwa divers il-każ fejn it-talba intervenjenti ta' wieħed jew l-ieħor mil-konjuġi wara l-ftuħ tal-azzjoni għas-separazzjoni tkun tirrigwarda effetti provviżorji tas-separazzjoni, li proprijament jisseiħu effetti tad-domanda tas-separazzjoni, u li jirrigwardaw il-koabitazzjoni, is-sokkors, u l-kustodja tat-tfal. Fuq talbiet simili l-Qrati akkoljew it-talba għall-konnessjoni tal-kawżi, għaliex, setgħu jittieħdu provvedimenti provviżorii li jevitaw kwalunkwe preġudizzju. Ara Kollez. XXXI-I-79:— "Jekk fil-waqt li l-mara tkun qegħdha taġixxi għall-manteniment u biex tkun tista' tara t-tfal kontra żewġha, dan jiftaħ kawża

għas-separazzjoni, hemm lok għat-trattazzjoni kontestwali taż-żewġ kawżi, u l-provvedimenti fuq it-talbiet tagħha jiġu mogħtija fil-kawża li jagħmel ir-raġel għas-separazzjoni". U XXXI-I-112:— "F'kawża ta' seperazzjoni personali l-Qorti tista' tagħti provvedimenti dwar il-manteniment u l-kura tat-tfal, avvolja ma jkunx hemm domanda appożita fiċ-ċitazzjoni";

Imma minn naħa l-oħra, għal dawk l-effetti li huma definittivi, u speċjalment għal dawk li jissejħu "pene", bħal dawk involuti fil-kawża preżenti ġie deċiż li r-raġel, "come amministratore, ha diritto di percepire i frutti o lucri o cuponi dei capitali appartenenti a sua moglie, anche pendendo le procedure di separazione" (Kollez. XXVII-II-368). U kwindi hija s-sentenza definittiva li tista' tissospendi dan id-dritt tar-raġel. F'sedi kriminali, fejn hija s-sentenza tas-separazzjoni li tista' tannulla d-dritt tal-konjuġi li jagħmel kwerela għall-adulterju kontra l-konjuġi l-ieħor, ġie deċiż li dan ma jfisserx li dik il-kwerela mhix aċċettabbli meta l-kawża tas-separazzjoni personali tkun għadha pendenti . . . . għaldaqstant ma hix aċċettabbli l-pretensjoni illi, meta l-kwerela ssir fil-pendenza tal-kawża tas-separazzjoni, il-Qorti għandha tissoprassjedi fuq dik il-kwerela sakemm tispiċċa l-kawża tas-separazzjoni (Kollez. XXXII-IV-828);

Jidher ukoll illi l-attur qiegħed jipprevalixxi ruħu minn dritt li jikkompeti lilu l-lum, u ċjoè dak li bħala kap tal-komunjoni tal-akkwisti jokkupa l-fond konjugali li ma għadux okkupat minn martu, kemm jekk dan il-fond huwa parti mill-istess komunjoni u kemm jekk huwa dotali jew parafernali. Ma jistgħax jingħad li s-sentenza fil-kawża tas-separazzjoni, li talvolta tista' tikkommina l-pieni, jew uħud minnhom, kontemplati fl-art. 56 tal-Kodiċi Ċivili, sejra taffetta t-talba preżenti mir-radiċi tagħha u għażżmien li fih tibqa' pendenti l-kawża tas-separazzjoni, imma tista' biss iġġib effetti l-quddiem u għal perijodu futur;

L-attur qiegħed jitlob il-pussess tal-oġġett li huwa għandu d-dritt li jamministra fil-pendenza tal-kawża tas-separazzjoni; u deċiżjoni fuq dan il-punt ma tista' tiġi bl-ebda mod affetta bit-talbiet fil-kawża tas-separazzjoni;

lanqas ma tista' t-talba titħalla għal wara s-sentenza f'din l-aħħar kawża, għaliex b'hekk ikunu qegħdin jiġu ndirettament miċħuda d-drittijiet tar-raġel fil-perijodu bejn id-domanda u s-sentenza tas-separazzjoni;

Illi għalhekk jidher li t-talba għall-konnessjoni tal-kawża preżenti ma' dik tas-separazzjoni personali fl-ismijiet "Maria mart Filippo Debono vs. Filippo Debono" hija ngustifikata, u għalhekk għandha tiġi miċħuda;

Mill-argumenti fuq miġjuba jidher ukoll li għandha tiġi miċħuda l-eċċezzjoni l-oħra tal-intempestività tal-azzjoni, kif ukoll dik li l-fond huwa parafernali tal-eċċipjenti Maria Debono; l-ewwel waħda għaliex ir-raġel, bħala "dominus" għandu dritt jeżerċita azzjoni simili fil-pendenza tal-kawża tas-separazzjoni personali, u l-oħra għaliex huwa għandu l-amministrazzjoni anki tal-beni parafernali tal-mara; u dan mingħajr preġudizzju ta' kull deċiżjoni eventwali dwar in-natura tal-fond in kwistjoni;

Similment għandha tiġi miċħuda l-eċċezzjoni li d-dritt odjern tar-raġel huwa kontestat; għaliex, kif ġa ngħad, id-dritt tiegħu fil-preżent huwa ċert, u s-sentenza tas-separazzjoni ma tistgħax tiċħdu mill-amministrazzjoni tal-beni komuni u dawk parafernali b'effett retroattiv; għaliex huwa, skond il-ġurisprudenza kostanti, jibqa' l-amministratur sakemm tingħatą s-sentenza definittiva fil-kawża tas-separazzjoni;

Ikkunsidrat, fil-meritu, illi l-konvenuta Carmela Vella ammettiet, waqt id-depożizzjoni tagħha, li hija qatt ma ħallset kera tal-fond in kwistjoni, numru 5, il-lum 6, St. Peter & St. Paul Square, in Nadur; u rriżulta li sa min snin ilu l-attur talabha biex tħalli dan il-fond, u hija ma weġbitx;

Illi għalhekk it-talba tidher ġustifikata;

Rat in-nota tal-appell tal-konvenuti, li biha dawn appellaw mis-sentenza fuq imsemmija tal-10 ta' Novembru 1960, tal-Qorti ta' Għawdex;

Rat il-petizzjoni tal-konvenuti appellanti, li biha dawn talbu r-revoka tas-sentenza appellata fuq imsemmija u ċ-ċaħda tat-talba tal-attur; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi mhux kontestat li l-appellat u l-appellanti martu żżewġu bil-komunjoni tal-akkwisti, u din il-komunjoni sal-lum għadha sseħħ. Il-fatt li bejniethom hemm kawża ta' separazzjoni personali, b'talba għax-xoljiment tal-komunjoni, ma jissospendix l-effetti ġuridiċi tal-komunjoni, sakemm ma jkunx hemm sentenza definittiva li tordna x-xoljiment. Bħala kap tal-komunjoni, l-appellat għandu d-dritt jamministra l-ġid tal-komunjoni, u quddiem it-terzi jista' jagħmel minnhom daqs li kieku kienu tiegħu. U tant hu ta' saħħa dak id-dritt, li l-liġi tirrendi null kull xorta ta' ftehim, dirett jew indirett, kuntrarju għalieh (art. 1362 Kod. Ċiv.). Bis-saħħa wkoll tal-komunjoni, l-appellat għandu wkoll l-amministrazzjoni tal-beni parafernali ta' martu (art. 1375 Kod. Ċiv.). Immela l-Qorti ma għandiex għalfejn tfittex jekk id-dar in kwistjoni hijiex parafernali nkella tal-komunjoni tal-akkwisti, għax bis-saħħa tal-komunjoni l-amministrazzjoni tagħha xorta waħda tmiss lill-appellat bħala kap tal-komunjoni. L-istess ħaġa jingħad li kieku stess, per ipotesi, id-dar kienet dotali (art. 1303 Kod. Ċiv.);

Ikkunsidrat;

Illi fiż-żmien li l-appellat kien msiefer l-appellanti martu minn jeddha, u mingħajr il-kunsens ta' żewġha, daħħlet joqgħodu hemmhekk, b'xejn, lill-appellanti Vella, u dawn għadhom joqgħodu hemm sal-lum, bla kera u b'inkejja tal-oppożizzjoni tal-appellat, li jridhom jiżgumbraw minn hemm biex imur joqgħod fil-post hu. Quddiem l-appellat, l-appellanti Vella huma terzi li qegħdin jokkupaw id-dar bla titolu. Il-kunsens tal-appellanti Maria Debono ma jiswielhomx, għax mingħajr il-kunsens tal-appellat dik Maria Debono ma setgħetx tiddisponi validament mid-dar. Il-fatt li l-appellanti Maria Debono trid toqgħod hemm ukoll ma

jagħtihiex il-jedd li żżomm f'dik id-dar lill-appellanti Vella ukoll b'inkejja tal-appellat. Kontra tagħha, l-appellat ma talabx u ma ppretendiex l-iżgumbrament mid-dar in kwistjoni. Fuq dal-punt it-talba fiċ-ċitazzjoni hija ċara, għax l-iżgumbrament huwa talba kontra l-appellanti Vella biss (ara verbal tal-24 ta' dax-xahar);

Ikkunsidrat;

Illi taħt iċ-ċirkustanzi tal-każ, u bis-saħħa tad-dritt li tagħtieh il-liġi, hija leġittima l-pretensjoni tal-appellant li jmur joqgħod f'dik id-dar u li ma jiġix imċaħħad minnha a beneficċju tal-appellanti Vella, bl-iskuża li l-appellanti martu trid magħha lill-appellanti Vella. U tabilħaqq, huwa ma għandux dar oħra fejn joqgħod, u qiegħed f'kamra ma' ħuh, fil-waqt li l-appellanti martu stess għandha dar oħra f'Parish Priest Street, fl-istess raħal, u mhux bogħod mid-dar in kwistjoni. Kuntrarjament għal dak li qalet hi stess u l-appellanti Vella, jidher ċar li l-vera residenza abitwali tal-appellanti Debono lanqas ma hi fid-dar in kwistjoni, iżda fid-dar l-oħra ta' Parish Priest Street. U tabilħaqq, hija tinsab reġistrata f'dan l-aħħar indirizz, sew għall-vot elettorali kemm għar-razzjon. Kien dak l-indirizz li tgħat għall-finijiet tan-notifiki fuq l-att taċ-ċitazzjoni li għamlet hi stess għall-kawża tas-separazzjoni, kif ukoll fl-ittri tar-rikors għall-"Maintenance Order". L-istess ħaġa għamlet fid-dikjarazzjonijiet li ffirmat għall-finijiet tal-provvista tal-ilma, billi ddikjarat li hija torqod abitwalment fid-dar ta' Parish Priest Street. Anki l-korrispondenza postali turi li l-indirizz tar-residenza tal-appellanti Debono hu f'din id-dar, kif jidher mill-ittri eżibiti fil-fol. 96 u 97 tal-proċess tal-kawża tas-separazzjoni personali ġa msemmija. Dak l-indirizz ma setgħetx tagħtu lil min bagħtilha l-ittra b'risposta ħlief dik Maria Debono stess. Dan kollu juri li l-veri residenti tad-dar li fuqha hemm il-kawża huma l-appellanti Vella, għalkemm anki l-appellanti Debono ġie li marret, u tmur, hemm ukoll. Għalhekk ma hemmx raġuni biex hija topponi li l-attur imur joqgħod fid-dar in kwistjoni u jiż-gombra għal dak il-fini lill-appellanti Vella, li hemmhekk mhumiex ħlief intrużi; u iżjed meta wieħed jikkunsidra li lilha l-appellat ma talabx li jiżgumbraha;

Ikkunsidrat;

Illi l-liġi tikkontempla u tagħti lill-mara d-dritt li tħalli d-dar tar-raġel fil-pendenza tal-kawża tas-separazzjoni, iżda ma tagħtiha ebda dritt li teskludi lir-raġel minn daru jew mid-dar li fuqha għandu d-dritt bħala kap tal-komunjoni. Anzi, fil-pendenza ta' dik il-kawża, meta mara trid titlaq mid-dar konjugali u tissospendi l-koabitazzjoni, ir-raġel għandu d-dritt jindikalha fejn għandha toqgħod;

Ikkunsidrat;

Illi l-appellanti ma għandhomx raġun u dritt jippretendu s-sospensjoni tad-definizzjoni ta' dil-kawża sakemm tiġi definita l-kawża tas-separazzjoni personali li hemm pendenti quddiem il-Qorti ta' Għawdex; għax diversament id-dritt u l-azzjoni eżerċitata mill-attur f'dil-kawża jiġu f'rustrati, b'aggravju għalieh, billi jiġi mċaħħad minn dritt li l-liġi tagħtieh bħala kap tal-komunjoni, sakemm tibqa' sseħħ dik il-komunjoni, fuq il-ġid sew tal-komunjoni kemm dotali u parafernali. Is-sospensjoni tiġi tammonta għal denegata ġustizzja;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' l-kawża billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-appellanti; iżda tordna li t-terminu mogħti fis-sentenza appellata jibda jgħaddi mil-lum.